# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 29/2025**

Data: L-Erbgħa 12 ta' Novembru 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:51 hrs) | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

29.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

29.2 MINUTI

29.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

29.4 KORRISPONDENZA

29.5 PLANNING AUTHORITY

29.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

29.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

29.8 MISTOQSIJIET

29.9 MOZZJONIJIET

29.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

29.11 FINANZI

29.12 TRAFFIC MANAGEMENT

29.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

29.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

29.15 STAFF

29.16 PURCHASE REQUEST FORM

29.17 ĦLASIJIET

29.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 29.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**29.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku u l-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 29.2 MINUTI

**29.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7304/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 27/2025 bid-data 22 ta' Ottubru 2025.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7305/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa b'urġenza 28/2025 bid-data 31 ta' Ottubru 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**29.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.4 KORRISPONDENZA

**29.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Malta Community Chest Fund rigward il-mixja tal-President li ser issir fit-30 ta' Novembru 2025, fejn kull sena jitqassmu l-flokkijiet fil-Kunsilli Lokali biex jinxtraw mill-Kunsill u tingħata €10 donation għal kull flokk. Is-Sindku qal li kellmitu l-Kuns J Scicluna peress li xtaqet il-flokkijiet u ġie deċiż li jintalbu 25 flokk minn kull 'size', b'total ta' 125 flokk. Il-Kuns M Lombardo qal li għandu jkun hemm data sa meta jistgħu jinxtraw il-flokkijiet u s-Sindku qal li dan għandu jkun sas-27 ta' Novembru 2025.

**29.4.2** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-dipartiment ta' Tourism Zones Regeneration Agency, fejn din l-aġenzija taqa taħt il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Is-Sindku qal li bħala xogħlijiet fil-lokalitajiet fost l-oħrajn jagħmlu tikħil, żebgħa u manutenzjoni. Is-Sindku qal li ppropona li x-xogħol minn naħa tagħhom isir fi Pjazza Reggie Miller qabel ma ssir l-attività 'Pjazza fil-Milied' ftit ġimgħat oħra. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar dan fejn ġie nfurmat li t-talba ġiet milqugħa u ser jirranġaw l-bankijiet fi Pjazza Reggie Miller.

## 29.5 PLANNING AUTHORITY

**29.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kif jafu l-membri tal-Kunsill, fit-13 ta' Novembru 2025 ser issir il-laqgħa mal-iżviluppatur tal-art ta' faċċata tal-Kunsill Lokali, fejn kien ir-razzett.

## 29.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**29.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**29.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva l-applikazzjoni tal-LESA għall-għaqdiet, fejn din intbagħtet lill-għaqdiet tal-lokal. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva l-applikazzjoni tal-Fgura Scout Group fejn ser japplikaw biex jixtru forn tal-elettriku u mwejjed li jingħalqu. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ser jibgħat l-applikazzjoni tagħhom lill-LESA.

**29.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva l-applikazzjoni tal-LESA għall-Kunsilli Lokali, fejn qal li tkellem mal-Ministru minħabba li jixtieq li titkabbar il-'club house' u titranġa l-'basketball court' permezz ta' din l-iskema. Is-Sindku qal ukoll li għaldaqstant il-Kunsill ser japplika għal dan.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7306/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika permezz tal-iskema maħruġa mill-LESA biex isir xogħol strutturali fil-club house u jiġi tranġat il-basketball court. Dan ix-xogħol għandu jieħu ħsieb tiegħu l-Perit tal-Kunsill.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li kellu laqgħa mal-maniġer tal-kultura tar-Reġjun Port, minħabba li s-sena d-dieħla r-Reġjun ser jieħu t-titlu ta' Reġjun tal-Kultura. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-direttur artistiku tar-Reġjun rigward il-ftuħ uffiċjali għas-sena kulturali ġewwa r-Reġjun Port, li ser isir fil-11 ta' Jannar 2026. Is-Sindku qara din il-korrispondenza annessa bħala 'Dok A'.

**29.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Audit tal-Kunsill Lokali ser isir fil-gimgħa ta' bejn it-2 u s-6 ta' Marzu 2026. Is-Sindku qal biex kemm jista jkun jiġu evitati attivitajiet f'dik il-ġimgħa.

**29.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kummisjoni Festa Esterna. Is-Sindku qara din il-korrispondenza annessa bħala 'Dok B', u talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tintbagħat risposta biex is-sena d-dieħla, talbiet bħal dawn ikunu sottomessi fil-pjan ta' ħidma ta' sena sħiħa.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7307/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-talba tal-Kummissjoni Festa Esterna għas-somma ta' €150 biex jiġi printed il-fuljett tal-attività 'Mill-Maxtura tal-Bambin'.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Fgura Youth Centre fil-'budget plan' tagħhom kienu talbu biex jagħmlu l-kors tal-'first aid', però issa qed jitolbu li jagħmlu l-kors tal-'food handling' minflok tal-'first aid', minħabba li għandhom bżonnu għall-attività 'Pjazza fil-Milied' li ser jieħdu sehem fiha. Is-Sindku qara korrispondenza li rċieva l-Kunsill annessa bħala 'Dok Ċ'. Il-Kunsill approva.

**29.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li qed jipproponi li l-ikla tal-Milied issir ġewwa Marsaxlokk fis-17 ta' Diċembru 2025 wara l-laqgħa tal-Kunsill u qal li bil-liġi ntitolati sa €30, iġifieri jekk il-kont għal kull persuna jaqbeż dan l-ammont, il-bqija jridu jiġu mħallsa mill-membri tal-Kunsill.

## 29.8 MISTOQSIJIET

**29.8.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex isaqsi l-mistoqsija tiegħu. Il-Kuns R Deguara staqsa lis-Sindku jekk hux ser issir bankina fi Triq A.M. Valperga, fejn qed isir il-proġett. Is-Sindku wieġeb li suppost għandha ssir bankina, però s'issa għadu ma ġiex infurmat rigward dan.

## 29.9 MOZZJONIJIET

**29.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**29.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.11 FINANZI

**29.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**29.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-kunsill irċieva korrispondenza rigward 'loading/unloading bay'. Is-Sindku qal li għalkemm kien hemm qbil bejn il-membri tal-Kunsill li talbiet bħal dawn ma jiġux aċċettati, qed iressaq din it-talba minħabba li taqa taħt 'white goods'. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok D'.

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra fis-18:03 hrs.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li din it-talba tiġi approvata fuq ċertu kundizzjonijiet.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7308/25/9** 'Dan il-Kunsill qed japprova din it-talba fuq dawn il-kundizzjonijiet, li tkun timed parking u mhux unloading bay, tkun għal ġurnata waħda biss fil-ġimgħa u mhux aktar minn 2 hrs.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns J Scicluna

Astenzjoni – Kuns C Bonello

Il-Kuns R Ellul daħal fil-kamra fis-18:13 hrs.

## 29.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**29.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li x-xogħolijiet fi Vjal Kottoner mexjin mhux ħażin, fejn tlestew il-medda tad-drenaġġi.

**29.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li waqt li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet fi Triq 14 ta' Diċembru 1945, instab xelter kbir fin-nofs tat-triq. Is-Sindku qal li huwa niżel f'dan ix-xelter u li huwa baxx però qiegħed fi stat nadif, u drenaġġ, ilma u tajn ma fih xejn. Is-Sindku qal li ċempel lill-perit fejn talbu biex jagħmel tliet 'manholes'. Is-Sindku qal ukoll li ser ikellem lill-ħaddiema tar-Reġjun biex issir bieba b'saħħitha li tkun tista tinfetaħ u jkunu jistgħu jinżlu n-nies ġo fih.

Wara diskussjoni, il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7309/25/9** 'Mozzjoni sabiex jitqabbad Perit sabiex issir spezzjoni u pjanta tax-xelter li għadu kif instab fi Triq 14 ta' Diċembru 1945.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li fi Triq Kent, il-ġimgħa d-dieħla għandha ssir iż-żebgħa, u li ġie nfurmat li fil-biċċa ż-żgħira ta' din it-triq, il-kuntrattur ma setax ikompli minħabba li ma hemmx uffiċjali tal-LESA, u jrid jaqsam minn Triq Kent għal Triq San Tumas minħabba l-Enemalta. Is-Sindku qal li ser jingħata l-uffiċjali u jkun jista jaqsam it-triq, jintradam il-'cable' u jagħtu t-tarmak.

**29.13.4** Is-Sindku nforma l-kamra li wara li tlestiet Triq il-Karmnu u għamlet ix-xita, irċieva ħafna messaġġi peress li fejn hemm il-'gate' tal-librerija, l-ilma mhux qed jaqleb fejn suppost. Is-Sindku qal li huwa għamel ilment formali fejn bagħat ukoll 'email', u talab għal 'bowser' tal-ilma biex jitfgħu l-ilma u jaraw għaliex is-'survey' ġie ħażin li t-tarmak qed jaqleb fuq in-naħa l-oħra, u t-tfal ma jistgħux jaqsmu. Is-Sindku kompla jgħid li talab biex jitbaxxew il-'gutters' ta' mal-bankina, u jekk hemm bżonn titqaxxar it-triq ukoll u jerġgħu jagħtuha t-tarmak biex tiġi taqleb lejn in-naħa tal-iskola.

**29.13.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza rigward xogħolijiet fi Triq San Tumas. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok E'.

## 29.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**29.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha.

**29.14.2** Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7310/25/9** 'Referenza għall-mozzjoni nru 7266/25/9, il-Kunsilliera Josianne

Scicluna qed titloba somma addizzjonali ta' €350 biex jinxtara AED li hu addattat għall-elementi ta' barra.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.14.3** Il-Kuns J Scicluna qalet li tixtieq tirringrazzja l-membri tal-Kunsill tal-approvazzjoni biex jintuża l-parkeġġ fejn issir il-'car wash' biex jiġi l-'blood bank unit' fil- 11 ta' Jannar 2026. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil li jekk il-'blood bank unit' ma joqgħodx fil-parkeġġ, ser jinstab post alternattiv fejn ikun jista jiġi pparkjat.

**29.14.4** Il-Kuns J Scicluna qalet li saret l-attività tal-Pink October fejn saret ġabra għall-NGOs, kif ukoll saret l-attività tal-'yoga' fejn ser terġa ssir fil-21 ta' Novembru 2025.

**29.14.5** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li d-'day centre' ser jerġa jkompli normali mill-ġimgħa d-dieħla, peress li dawn l-aħħar ħames jew sitt ġimgħat dejjem sar fuq barra.

**29.14.6** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7311/25/9** 'B'referenza għall-mozzjoni 7258/25/9, qed tiġi emendata minn xiri ta' projector screen għal christmas tree bl-istess prezz ta' mhux aktar minn €700. Din is-siġra ser tintrama għall-party tad-Day Centre / anzjani u l-għada tintrama fil-foyer sabiex titgawda aktar, u dejjem isir hekk kull sena.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.14.7** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7312/25/9** 'Sabiex issir ħarġa fix-xahar ta' Frar 2026 għas-somma ta' mhux aktar minn €700.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**29.14.8** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li jixtieq jirringrazzja lil kulħadd tal-attendenza tajba f'Jum il-Fgura, kemm il-Ġimgħa u anke l-Ħadd.

**29.14.9** Il-Kuns M Lombardo qal li fir-rigward tal-armar tal-Milied, ix-xogħol miexi. Wara diskussjoni qasira, is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju sabiex titlob li ssir laqgħa bejnu u l-Kuns C Bonello flimkien mal-maniġer tal-kultura tar-Reġjun u d-direttur artistiku minħabba l-ftuħ uffiċjali għas-sena kulturali, il-Ġimgħa 14 ta' Novembru 2025 fid-9:30 hrs, minħabba l-armar. Il-Kuns M Lombardo qal li d-dawl tal-Milied ser jinxtegħel fl-1 ta' Diċembru 2025 u dakinhar ukoll, il-Kummissjoni Festa Esterna ser tinawgura il-wirja tal-presepji.

**29.14.10** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li l-kors ta' 3D printing spiċċa u li kien ta' suċċess.

## 29.15 STAFF

**29.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 29.16 PURCHASE REQUEST FORM

**29.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7313/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Novembru 2025 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok F')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.17 ĦLASIJIET

**29.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7314/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 15/10/2025 sa 05/11/2025 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok Ġ')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 29.18 AĠĠORNAMENT

**29.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:56 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru, 2025 fil-17:30hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli | Is-Sa Ann Marie Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 12 ta' Novembru, 2025

10
'Dok A'

## Gatt Ann Marie at Fgura Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Joseph Galea <twistmalta@gmail.com> |
| **Sent:** | Monday, 10 November 2025 11:11 |
| **To:** | Clayton Cascun Portelli; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Mercieca Veronika at Port Regional Council; Lianne Cassar |
| **Subject:** | Re: FTUĦ UFFIĊJALI - REĠJUN TAL-KULTURA 2026 |
| | |
| **Follow Up Flag:** | Follow up |
| **Flag Status:** | Flagged |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ippermettuli nikkoregi ftit il-hin: mill-10.30 - 11.45am.

Grazzi
Joseph

On Mon, 10 Nov 2025 at 11:05, Joseph Galea <twistmalta@gmail.com> wrote:

Għażiż Sindku / Segretarju Eżekuttiv

L-ewwel nett niskuża ruħi li ma stajtx nattendi għal-laqgħa nhar il-Ġimgħa.

Qed nibgħatulkom id-dettalji tal-ftuħ tas-sena Kulturali tar-Reġjun, kif iddiskutejtu fil-laqgħa ma' Veronika. Dan ser isir nhar il-ĦADD 11 TA' JANNAR 2026 (b'possibilta' li jiġi pospost għall-Ħadd ta' wara f'każ li t-temp ma jippermettix). L-attivita' għandha ssir bejn l-10:00am u l-11:15am.

- Marċ ta' siegħa minn mill-banda tal-lokalita'. It-triq għandha tiġi magħżula mill-Kunsill fejn l-aktar jintleħqu nies. Ser jingħata ħlas ta' €1,000 għal dan is-servizz. Nixtieqrukom tagħmlu kuntatt magħhom sabiex jikkonfermaw jekk ikunux disponibbli u tavżawna sal-Ġimgħa 14 ta' Novembru.
- Il-Marċ jispiċċa f'post prominenti fejn jitħabbar il-ftuħ tas-sena u diskors tas-Sindku.
- Tinkixef tifkira tal-okkażjoni li tibqa' timmarka din is-sena. (Aktar 'il quddiem ser ninfurmawkom kif ser tkun u nitolbukom tindikawlna l-aħjar post fejn tixtiequ li ssir)
- Innu Malti (mill-banda)

Fis-1:00pm is-Sindku, kunsilliera, segretarju u mistednin oħra jiltaqgħu f'Villa Bighi għal riċeviment. (Stedina separata tintbagħat aktar tard)

Għal din l-okkażjoni nixtiequ l-għajnuna tagħkom sabiex tħeġġu lil dawk li għandhom l-arbli biex itellgħu bnadar tal-lokalita' u ta' Malta. Ser jingħataw ukoll bnadar bil-logo sabiex jittelgħu ma' arbli f'postijiet prominenti fil-lokalita'. Dawn nixtiequ li jibqgħu hemm kemm-il darba dawn l-arbli ma jkunux qed jintużaw għall-attivitajiet tal-lokalita'. Nistennew minnkom ukoll promozzjoni kemm dwar il-ftuħ u dwar is-sena kollha. Il-logo għandu jkun viżibbli kemm jista' jkun.

Ser jingħataw ukoll lil Kunsill flyers li jħabbru is-sena kulturali u b'avviż għaċ-ċerimonja tal-ftuħ sabiex jitqassmu f'kull bieb fil-ġimgħa ta' qabel. Nitolbukom tinfurmawna bin-numru ta' djar li għandkom fil-lokalita'.

Min-naħa tal-Kunsill qed nitolbu li jieħu ħsieb il-permessi kollha meħtieġa. Ikun hemm bżonn ukoll supply ta' dawl għas-sistema tas-sound li nistgħu nipprovdu aħna jew tistgħu tużaw supplier tagħkom. F'dan il-każ nitolbukom quote mingħand is-supplier.

Ir-Reġjun ser iħallas għall banda, sistema tas-sound, disinn u materjal tal-printing kollu.

Qed nissuġerixxu li jkollna wahtsapp group chat magħkom iddedikata kemm għaċ-ċerimonja tal-ftuħ u kemm biex nikkomunikaw matul is-sena dwar l-attivitajiet kollha.

'Dok B'

## Fgura Local Council at Fgura Local Council

**From:** Kummissjoni Festa Esterna Fgura <fgurakfe16@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, 12 November 2025 13:53
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council
**Cc:** Clayton Portelli Cascun; Mark Lombardo
**Subject:** WIrja u Fuljett kommemorattiv

**CAUTION:** This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sur Sindku,

Qiegħed niktiblek biex bi pjaċir ninfurmak dwar l-ewwel edizzjoni tal-wirja ' Mill-Maxtura tal-Bambin' li l-Għaqda tagħna se torganizza mill-1 sas- 7 ta' Diċembru.

DIn ser issir fl-okkażjoni tal-attività 'Il-Pjazza fil-Milied' u se tkun ta' attrazzjoni għal kull min iżurha. Il-wirja, bħalma hija dik tal-Ġimgħa Mqaddsa, se tkun ta' livell għoli b'kollezzjonijiet ta' prestiġju.

Għaldaqstant qoegħed ġentilment nitolbok l-għajnuna minima biex jikrew display boxes għall-Bambini kif ukoll sponsor żgħir ta' 150 ewro li jkopri l-istampar tal-fuljett kommemorattiv.

Filwaqt li nselli għalik u għall-Kunsilliera sħabek, infakkrek biex il-mixegħla tal-armar tal-Milied issir nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru waqt l-imawgurazzjoni tal-istess wirja. Il-Kunsillier Mark Lombardo diġà huwa infurmat dwar dan u se jkellimkom fil-laqgħa tal-lejla.

Dejjem Tiegħek

*Kenneth Debono*
*Segretarju Ġenerali*
*Kummissjoni Festa Esterna Fgura*
*VO1053*

14, IL-MAĦŻEN,
Triq il-Karmelitani,
*Fgura Malta, FGR 1205*

**E :** fgurakfe16@gmail.com

13
'Dok Ċ'

**Gatt Ann Marie at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Antonella Brincat <agius.antonella@gmail.com> |
| **Sent:** | Wednesday, 12 November 2025 15:29 |
| **To:** | Gatt Ann Marie at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Youth Centre Fgura; Christian Brincat; Clayton Cascun Portelli; Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Simmonds Ruth at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Subject:** | Re: Budget Plan 2025 |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ghaziza Ms Ann Mariė

Rigward il budget ghall Fgura Youth Centre, jekk joghgbok nixtiequ li naghmlu food handling course minflok il first aid course, peress li l food handling ghandna bzonnu urgenti ghall attivita' Il-Pjazza fil-Milied.

Kellimt lis Sindku u qalli biex jekk joghgbok tressaqha fil laqgha tal Kunsill ta' llejla.

Grazzi hafna

Antonella Brincat
Fgura Youth Centre

On Wed, 26 Mar 2025, 12:22 Antonella Brincat, <agius.antonella@gmail.com> wrote:

Many thanks for your support, we truly appreciate it.

Regards
Antonella
O.b.o. Fgura Youth Centre

On Tue, 25 Mar 2025, 20:33 Gatt Ann Marie at Fgura Local Council, <ann-marie.gatt.1@gov.mt> wrote:

Gheziez,

Nixtiequ ninfurmawkom li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill, tressqet u giet approvata mozzjoni sabiex jigi approvat il-Budget Annwali lill-ghaqdiet li baghtu l-pjan ta' hidma taghhom ghas-sena 2025, filwaqt li dawn l-ghaqdiet ikunu obbligati li jistiednu l-Kunsill kollu ghal kull attività msemmija fil-lista.

Ghaldaqstant, hawn taht ghandkom issibu l-allokazzjoni taghkom bl-ghotja li ser tinghataw mill-Kunsill ghal din is-sena:

'Dok D'

## Pace Zvetlana at Fgura Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Friday, 24 October 2025 12:39 |
| **To:** | Pace Zvetlana at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Portelli Cascun; Dr Ryan Ellul; Calleja Gwenith at Fgura Local Council |
| **Subject:** | FW: Loading and Unloading Bay |

**From:** Info JS Household <info@jshousehold.com>
**Sent:** Thursday, 23 October 2025 17:30
**To:** cascun4fgura@gmail.com
**Cc:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>; Dr. Ryan Ellul - Ryan Ellul Advocates <ryan@elluladvocates.com>
**Subject:** Loading and Unloading Bay

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

To The Fgura Local Council Mayor

I hope this email finds you well.

I am writing to formally request the installation of a loading/unloading bay in front of my business premises located at 71. JS Household, Triq il-Buqexrem, Fgura.

Our shop regularly receives deliveries of goods and materials, and currently there is no convenient or safe space for delivery vehicles to stop. This often causes traffic obstruction and safety concerns for pedestrians and other road users.

I would be happy to discuss suitable placement, time restrictions, or any additional requirements to ensure compliance with local regulations.

Thank you for considering this request. I look forward to your response.

Kind regards,

**Riccardo Farrugia**
JS Household

+356 79432222 / +356 21664949
No.71 Triq Il-Buqexrem
Malta, Fgura FGR 2154

Din it-talba tiġi biss Konsidrata bħala Time parking u suġġerita waħda ~~[illegible]~~ mhux iktar minn 2hrs

17

'Dok E'

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Bartolo Luke at Infrastructure Malta |
| **Sent:** | Wednesday, 05 November 2025 15:38 |
| **To:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Clayton Cascun Portelli; Joseph Abela; Portelli Neil at Tarxien Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council; Tarxien Local Council at Tarxien Local Council; Mifsud Cynthia at Infrastructure Malta; Camilleri Vella Charlene at Infrastructure Malta; Darrell Fiorini; Mark John Scicluna; Edward Schembri |
| **Cc:** | Gauci Noel at Infrastructure Malta; Grech Rebecca 1 at Infrastructure Malta; Edward D'Amato; Pierre Attard; Silvan Montesin; Chris Agius |
| **Subject:** | Start of Works at Triq San Tumas, Tarxien |
| **Attachments:** | 2025 Tarxien-10c - Triq San Tumas - TM HC South Bound.pdf; 2025 Tarxien-10 - Triq San Tumas - SP.pdf |

Good afternoon to all,

Kindly note that road reconstruction works at Triq San Tumas (site extents as per attached SP) are set to start on Monday 17th of November, 2025. Works will include Enemalta trenching & cable laying, construction of a dual water main including the replacement of services, footpath reconstruction and reconstruction of the road build up. Works will start corner with Triq Merhba and progress southwards. Traffic will be allowed to pass in a single direction (from Fgura towards Tarxien).

If no unforeseen issues are encountered, works are expected to be completed by early July, 2026.

Regards,

**Luke Bartolo**
*Trainee Architect*

*Dip.DFS, B.Sc (Hons), M.Eng (Melit)*

INFRASTRUCTURE
MALTA

T: +356 23341215
W: www.infrastructuremalta.com
F: fb.me/infrastructuremalta

Infrastructure Malta, Vjal l-Avjazzjoni, Luqa, LQA 9023, Malta

This communication, and all its contents and attachments, may contain private and confidential information. It can only be read and used by the sender's intended recipients. If you are not the intended recipient, you are strictly prohibited from disseminating, copying, distributing, disclosing, forwarding or using this message and its contents in any other manner. If you received this communication by mistake, kindly alert the sender immediately, by return email, and permanently erase this message and all its content and copies. The security, reliability of delivery and integrity of this communication cannot be guaranteed as information could be modified in transit, or by technical difficulties beyond the sender's control. Opinions included in this communication reflect the views of the sender and may not reflect the policies and opinions of Infrastructure Malta. To the extent permitted by law, Infrastructure Malta cannot accept liabilities arising from this communication.

'Dok F'

# PRFPO for CM November 2025

| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
|---|---|---|---|---|
| 12034 | 12258 | Vince Hardware Store | For Fgura Local Council - 1 x Fedrollo pump S/S 3CRM80 HP060, 1x Matic flow switch, 1x 45A switch w/neon | € 312.62 |
| 12035 | 12259 | Francis Service Station | Fuel for generator | € 10.00 |
| 12036 | 12260 | John Farrugia Ltd | Bankarelli Pjazza fil-Milied - 20 x pine planed | € 310.00 |
| 12037 | 12261 | Paul Magri | Bankarelli Pjazza fil-Milied - 100 x cappetta ta' Malta ta' 12 | € 236.00 |
| 12038 | 12262 | Postpro | Door to door distribution - 1 A5 leaflet (8pgs) & 1 A5 Leaflet (1PG) to distribute to all Fgura households on the last week of November 2025, combine in one run | € 531.00 |
| 12039 | 12263 | | Cancelled | |
| 12040 | 12264 | Ispy | Callout on CCTV - Triq Kent | € 35.40 |
| 12041 | 12265 | Emi Bonnici | Jum il-Fgura 2025 - 300 A5 booklets (12PGS) colour throughout, art matt 150gms | 119.7 |
| 12042 | 12266 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, Fgura | Red carpet 12m x 12m being used on Friday 24th October for Jum il-Fgura 2025 concert | € 800.00 |
| 12043 | 12267 | Vince Hardware Store | 2 x cement | € 12.30 |
| 12044 | 12268 | House Proud Stores | 5 x ramel | € 9.75 |
| 12045 | 12269 | House Proud Stores | Public works - Triq is-Sardinella, Fgura - 12 x ramel, 3 x cement | € 41.25 |
| 12046 | 12270 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985 | € 40.00 |
| 12047 | 12271 | Vince Hardware Store | 6 meters galvanized chains, 3x schackles, 4x bolds, 4x lock nuts | € 27.15 |
| 12048 | 12272 | Burnout Tyre Serrvice | 2 x punchers IBL 985 | € 140.00 |
| 12049 | 12273 | Ryan Bezzina | 1x Hiliet il-Fgurin (Booklet 8pgs, poster, invitation, banner), 1x Jum il-Fgura (Booklet 12pgs, poster, invitation, banner & certificates, 1x Chair yoga poster October, Christmas Gozo poster tberik annimali poster & pink October poster | € 960.00 |
| 12050 | 12274 | | Cancelled | |
| 12051 | 12275 | Vince Hardware Store | Public Works - Xoghol fil-bandli - 6x cem 80 20kg, 4x Sigma facade 10 ltrs | € 430.35 |
| 12052 | 12276 | Vince Hardware Store | Public Works - Xoghol fil-bandli - 3x hempel gloss black 5ltrs, 2x brush 40mm, 2x paint brush 30mm, 1x plastic drain cover, 1x white hopper 110mm, 1x drain pipe 100mm, 1x acrylic primer x 5ltrs, 1x lattice K 5lt, 3x white cement 25kg, 2x white spirit 1 ltr | € 264.94 |
| 12053 | 12277 | Vince Hardware Store | 5 x Sigma facade 10ltrs | € 420.90 |
| 12054 | 12278 | Paper Avenue Malta | 10x stickers A5 for black bins | € 10.00 |
| 12055 | 12279 | Patricia Cauchi | Line dancing course from 13/8/25 till 22/10/25 | € 500.00 |
| 12056 | 12280 | The Little Fun Bus | Pjazza fil-Milied 2025 - Booking of the little fun bus (Playing Area) Sat 6/12 at 18:30pm - 22:00pm, Sun 7/12 at 18:30 - 22:00pm including 2 people taking care of kids | € 979.00 |
| 12057 | 12281 | Reuben Fava | Jum il-Fgura 2025 - 2 renta of 65" TV including stand & set up | € 350.00 |
| 12058 | 12282 | Perit William Lewis | Statue monument - Roundabout Triq Hompesch Haz Zabbar & Triq San Tumas - Concept Design (48 hours), PA Application (35 hours), Land Registry Plan, Planning Application Fee | € 1,422.25 |
| 12059 | 12283 | Vince Hardware Store | 1x measuring tape 10 meters, 1x blade, 1x scraper, 1x sealer, 1 x silicone gun | € 28.53 |
| 12060 | 12284 | Vince Hardware Store | 18 x brackets 5 inches x 1 1/2 inches | € 22.93 |
| 12061 | 12285 | Antoine Xerri | Cleaning of yard & toilets at Fgura primary school after Jum il-Fgura concert held on Friday 24/10/25 after 21:30pm | € 171.10 |
| 12062 | 12286 | Scouts Association of Malta | Service of ushers at Jum il-Fgura concert on 24/10/25 & band accompaniment on Jum il-Fgura 26/10/25 | € 472.00 |
| 12063 | 12287 | Manuel Azzopardi | Part of mozzjoni 7240/25/3 - Cut inside wall to put plug inside the wall change wire of oven made it longer and change one double socket outlet in hall | € 110.00 |
| 12064 | 12288 | Ta Pataw Skip Hire | 1 x skip for works held in Mater Boni Consilii Street, Fgura | € 188.80 |
| 12065 | 12289 | The Fotografer | 1 frame K253015 27cm x 36cm including 3 cm passepartout, non-reflecting glass & foamboard backing (frame must be black and handing on wall) | € 64.77 |
| 12066 | 12290 | Emi Bonnici | Laqgha tal-lokalita' flyer - 4700 flyers A5 one colour black - one side only | € 105.00 |
| 12067 | 12291 | Flowerland | Attivita (Pink October) - 1 bouquet of flowers (Cheerful) | € 15.50 |
| 12068 | 12292 | Maypole | Attivita (Pink October) - 31/10/2025 - 18 lamington, 18 pink mini muffins , 18 blue mini muffins | € 54.00 |
| 12069 | 12293 | Clentec Malta Limited | Cleaning services for the month of September 2025 | € 426.16 |
| 12070 | 12294 | Dr. Ivan Meli | Service of lawyer from August 2025 till September 2025 | € 2,000.00 |
| 12071 | 12295 | Doris Montebello | 10x classes of aerobic lessons from 1/8/25 till 10/10/25 | € 250.00 |

'Dok F'

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12072 | 12296 | R_A Photography | Videography during Pjazza fil-Milied on 6/12/25 & 7/12/25 total of 9 hrs | € | 1,100.00 |
| 12073 | 12297 | Vince Hardware Store | 2x WD 40, 5x plastic drain covers 20x20 | € | 57.21 |
| 12074 | 12298 | Vince Hardware Store | KFE- Gharmar tal-festa tal-Milied - 3x pkts black cable ties 1 metre, 15x pkts black cable ties 30mm -25m, 5x pkts electrical tape | € | 194.36 |
| 12075 | 12299 | Horace Enterprsises Ltd | 5 tokens for 'Pink October' | € | 59.00 |
| 12076 | 12300 | Antonio Piscopo | Attivita Pink October 2025 - 2x pepsi, 2x diet pepsi, 2x sprite, 2x diet sprite, 2x kinnie, 2x ilma, 4x juices (2 orange, 1 peach, 1 apple), 4x biscuits (pkts), 2x family circle biscuits | € | 122.65 |
